Kunsill Lokali Paola

*Ref*: 17/7/194/16

**<u>Minuti tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 17 tas-Sebgħa Leġislatura tal-Kunsill Lokali Paola</u>**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tnejn **13 ta' Ġunju 2016**. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

**Preżenti:** Dominic Grima-*Sindku*
Steven Axisa-*Viċi Sindku*
Roderick Spiteri-*Kunsillier*
Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*

Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

**Skużati:** Nicholas Seychell- *Kunsillier*
Tyrone Muscat- *Kunsillier*
Ivan Bartolo- *Kunsillier*

Neil J. Tirchett-*L-ambaxxatur taż-żgħażagħ*

**Assenti:** -

## 1. <u>Evalwazzjoni tal-offerta numru 1/2016</u>

1.1. Is-Sindku informa l-membri illi din il-laqgħa kellha tissejjaħ b'rabta mat-tender numru 1/2016 u wara li kien tressaq każ quddiem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fid-dawl li l-kuntrattur (Elton John Zammit) wassal il-kondotta tal-pulizija fil-Kunsill mingħajr ma kien intalab jagħmel dan mill-Kunsill u wara li lejliet kien beda l-proċess tal-evalwazzjoni fejn kien innotat li 4 mill-bidders fosthom il-kuntrattur Zammit ma kellux din l-kondotta oriġinali.

1.2. Is-Sindku qal ukoll li wara li sargħet laqgħa mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn dawn ħadu anke l-parir tad-Dipartiment tal-Kuntratti, huma kienu infurmaw lil Kunsill illi l-proċess jista' jitkompla billi jintalbu jiġu ratifikati l-kondotti nieqsa kif ukoll ħallew f'idejn il-Kunsill id-deċiżjoni li jbiddel il-bord wara dak li kien seħħ. Għaldaqstant is-Sindku ippropona li fid-dawl ta' dan kollu għandu jinħatar bord ġdid li jkun indipendenti u magħmul hekk:

1.2.1. Chairperson Sindku Dominic Grima, Membri: Sur Ramon Deguara (Direttur Cleansing Department), Ing Mario Schembri (Espert Ambjentali u u Sur Anthony Chircop (Accountant tal-Kunsill). Il-membri approvaw

1.3. Il-Viċi Sindku xtaq iżid li waqt l-evalwazzjoni tal-offerti huwa kien qal tiġa li għanda tiġi ikkunsidrata li ikun hemm esperti fil-bord ta' evalwazzjoni u għaldaqstant żied illi la hemm l-opportunita li l-bord ikun magħmul kif ssuġġerit, dan żgur ikun l-aħjar metodu sabiex dak it-tender partikolari ikun aġġudikat.

1.4. Is-Sindku xtaq iżid li dan l-aħħar sfortunatament qed jara li qed ikun hawn nuqqasijiet fejn jidħol ġbir ta' skart u knis mill-kuntrattur preżenti tal-Kunsill. Il-membri qablu li għanda tintbagħat komunikazzjoni lil kuntrattur sabiex jintalab li sa tmiem din il-ġimgħa jerġa jibda jopera b'mod normali u skond il-kuntratt.

1.5. Il-Laqgħa spiċċat fis-6pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |

**Data**: 20 ta' Lulju 2016